

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 17.6.2008
SEG(2008) 2030

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Dokument anċillari

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**PJAN TA' POLITIKA DWAR L-AŻIL: APPROĊĊ INTEGRAT GĦALL-
PROTEZZJONI MADWAR L-UE**

Sommarju tal-valutazzjoni ta' l-impatt

{COM(2008) 360 finali }
{SEC(2008) 2029}

1. INTRODUZZJONI

F'Ġunju 2007 il-Kummissjoni ppreżentat Green Paper¹ bl-għan li jiġu identifikati l-għażliet possibbli biex tissawwar it-tieni fażi tas-Sistema Ewropea Komuni ta' l-Ażil (CEAS). Ir-rispons għall-konsultazzjoni pubblika kien jinkludi 89 Kontribuzzjoni minn firxa wiesgħa ta' partijiet interessati². Il-kwistjonijiet li qamu u s-suġġerimenti li tressqu matul il-konsultazzjoni pprovdew is-sies għat-tnejn ta' dan il-Pjan ta' Politika u l-Valutazzjoni ta' l-Impatt tiegħu.

Il-Kummissjoni ordnat studju estern biex ikollha fuq xiex tibni fit-tnejn tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt. L-istudju estern jikkostitwixxi l-appoġġ ewlieni għal dan ir-rapport flimkien ma' analiżi tal-kontribuzzjonijiet għall-Green Paper u rapporti ta' evalwazzjoni eżistenti ta' l-istrumenti ta' l-ażil tal-KE³.

Ġew organizzati laqgħat bejn Diċembru 2007 u Marzu 2008 ma' esperti akkademiċi, l-Istati Membri, NGOs u l-UNHCR u Membri tal-Parlament Ewropew għall-opinjoni tagħhom dwar l-iżvilupp futur ta' ċerti elementi tas-CEAS.

Il-Bord tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt (IAB) tal-Kummissjoni kien ikkonsultat fuq l-abbozz tar-rapport finali tal-Valutazzjoni ta' l-Impatt u ta l-opinjoni tiegħu fil-21 ta' April 2008⁴. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-IAB ittieħdu in kunsiderazzjoni kif xieraq.

Ħafna mill-miżuri individwali proposti fil-Pjan ta' Politika se jkunu s-suġġett ta' valutazzjonijiet ta' l-impatt speċifiċi. Partikolarment, l-emendi għad-Direttivi dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, il-Kwalifika u l-Proċeduri u r-Regolament ta' Dublin u tal-Eurodac ser ikunu bbażati fuq valutazzjonijiet ta' l-impatt.

2. IL-QAGĦDA ATTWALI U L-PROBLEMI

Dawn il-problemi ġew identifikati fil-qasam ta' l-ażil:

- Miżuri u prattiki leġittimi kontra l-immigrazzjoni illegali jistgħu f'xi każijiet ixekklu lil dawk li jfittxu l-ażil milli jkollhom aċċess għall-protezzjoni fl-UE
- L-immigranti li m'għandhomx bżonn il-protezzjoni jabbużaw mis-sistema ta' l-ażil biex jidħlu u jgħixu fl-UE
- Ċaqliq sekondarju ta' dawk li jfittxu l-ażil li japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali fiktur minn Stat Membru wieħed jimponi pressjoni inġusta fuq l-amministrazzjonijiet nazzjonali u fuq dawk li jfittxu l-ażil stess
- Is-sistemi ta' l-ażil ta' xi Stati Membri huma mgħobbija żżejjed
- Dejjem iktar, in-nies qed ifittxu protezzjoni għal raġunijiet li mhumiex previsti fl-iskema tar-refuġjati tradizzjonali (il-Konvenzjoni ta' Ġinevra) u qed jirċievu status ta' protezzjoni b'garanziji inferjuri
- Prattiki nazzjonali diverġenti jwasslu għal differenzi estremi fir-rikonoxximent tal-protezzjoni fl-Istati Membri u jikkawżaw inugwaljanzi fil-livell ta' protezzjoni madwar l-UE

¹ COM (2007) 301

² Id-89 kontribuzzjoni riċevuti huma disponibbli f'dan l-indirizz:
http://ec.europa.eu/justice_home/news/consulting_public/gp_asylum_system/news_contributions_asylum_system_en.htm

³ Rapport dwar il-valutazzjoni tas-sistema ta' Dublin (COM (2007) 299); rapport dwar il-valutazzjoni tad-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza (COM (2007) 745)

⁴ L-opinjoni se tkun disponibbli hawnhekk: http://ec.europa.eu/governance/impact/cia_2008_en.htm

- Il-persuni fil-bżonn tal-protezzjoni iħabbtu wiċċhom ma' problemi partikolari ta' integrazzjoni u wħud minnhom jinsabu f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà
- Madwar id-dinja kollha, ħafna mir-refuġjati jibqgħu f'reġjuni qrib il-pajjiżi ta' orġini tagħhom, bi prospettu f'qar u jimponu piż fuq il-pajjiżi f'qar li qed jiżviluppaw.

Il-Valutazzjoni ta' l-Impatt tħares lejn il-progress possibbli tas-sitwazzjoni kieku ma tittieħed l-ebda azzjoni fil-livell ta' l-UE u tikkonkludi li l-problemi eżistenti jibqgħu jippersistu u li hemm argumenti sodi favur l-azzjoni ta' l-UE.

Il-Valutazzjoni ta' l-Impatt tqis it-tibdiliet li saru fil-**qafas legali** mit-Trattat ta' Liżbona u tikkonkludi li l-artikolu l-ġdid dwar l-ażil jippermetti u jirrikjedi livell oġħla ta' ambizzjoni minn dak li hemm bħalissa. Mil-lat tad-drittijiet fundamentali, l-inklużjoni tal-Karta fit-Trattat il-ġdid tagħti wkoll iktar viżibilità għal ċerti drittijiet relatati ma' l-ażil, inkluż id-dritt għan-*"non refoulement"*.

3. GĦANIJIET TA' POLITIKA

L-għan ġenerali tat-tieni fażi tas-CEAS hu li toffri, permezz ta' approċċ komprensiv tal-protezzjoni madwar l-UE, status xieraq, taħt kundizzjonijiet ugwali, lil kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jitlob il-protezzjoni internazzjonali u li tiżgura konformità mal-prinċipju tan-*non refoulement*.

Il-politika għandha, partikolament, tikseb dawn l-għanijiet speċifiċi:

- I) Li tiżgura li l-proċeduri ta' l-ażil ikunu aċċessibbli lill-persuni li jfittxi l-protezzjoni u jittrattaw b'ħeffa u b'effiċjenza lil dawk li m'għandhomx bżonnha;
- II) Li tiżgura standards komuni ta' protezzjoni oġħla;
- III) Li ttejjeb is-sostenn immedjat u effettiv lill-amministrazzjonijiet nazzjonali ta' l-ażil, bil-promozzjoni ta' kooperazzjoni Prattika;
- IV) Li trawwem mekkaniżmi ta' solidarjetà intiżi għall-persuni fil-bżonn tal-protezzjoni, bejn l-Istati Membri u bejn l-UE u l-pajjiżi terzi;
- V) Li tiffaċilita l-integrazzjoni tal-persuni protetti;
- VI) Li timpedixxi x-xiri ta' l-ażil u ċ-ċaqliq sekondarju.

4. GĦAŻLIET TA' POLITIKA

4.1. Għażla ta' Politika A: Status quo

L-iżviluppi kurrenti fl-Istati Membri ser ikomplu fi ħdan il-qafas legali eżistenti, li m'għandux jinbidel. L-attivitajiet mibdija jibqgħu għaddejjin. L-istrumenti leġiżlattivi eżistenti għandhom jiġu trasposti kollha mill-Istati Membri u l-implimentazzjoni tagħhom tiġi ssorveljata mill-Kummissjoni.

4.2. Għażla ta' Politika B1: Armonizzazzjoni fuq skala sħiħa tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE

Din l-għażla għandha tiżgura li s-sistema ta' l-ażil ta' l-UE ssir koerenti, komprensiva u li toffri l-oġħla standards billi timmira lejn armonizzazzjoni sħiħa u l-eliminazzjoni tan-nuqqasijiet ikkawżati bl-adozzjoni tad-denominatur komuni l-aktar baxx fl-ewwel fażi tas-CEAS. Dan l-għan ser jintlaħaq, fost l-oħrajn, permezz ta':

- Id-definizzjoni ta' kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk li jfittxu l-ażil;

- Ir-rikonoxximent ta' livell xieraq ta' protezzjoni lill-persuni li għandhom bżonn il-protezzjoni;
- L-istabbiliment ta' proċedura ta' ažił uniformi u effiċjenti;
- L-istabbiliment ta' grad ogħla ta' solidarjetà u responsabbiltà fost l-Istati Membri, u bejn l-UE b'mod ġenerali u l-pajjiżi terzi.

4.3. Għażla ta' Politika B2: Iktar żvilupp tal-leġiżlazzjoni ta' l-UE

Din l-għażla għandha tiffoka fuq it-tkomplija ta' l-isforzi lejn regoli nazzjonali ta' l-ažił dejjem iktar armonizzati, madankollu mingħajr ma tintlaħaq armonizzazzjoni sħiħa fl-oqsma kollha, u jiġu żgurati standards għoljin ta' protezzjoni.

Din l-għażla għandha tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' xi interventi fil-qasam tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza:

- it-titjib tal-provvisti relatati mal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali,
- l-istabbiliment ta' aċċess iktar faċli għas-suq tax-xogħol għal dawk li jfittxu l-ažił, li ma jkunx imxekkel minn restrizzjonijiet nazzjonali addizzjonali,
- l-istabbiliment ta' regoli li jiżguraw li d-detenzjoni ma tkunx arbitrarja;
- l-identifikazzjoni effettiva tal-bżonnijiet tas-saħħa u dawk materjali tal-persuni vulnerabbli bi bżonnijiet speċjali, inklużi l-kunsiderazzjonijiet tas-sess.

L-introduzzjoni ta' dawn l-elementi ewlenin li ġejjin rigward il-kwistjoni tal-kwalifika:

- l-istabbiliment ta' żewġ status uniformi uniċi: wieħed għar-refuġjati u wieħed għall-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja,
- l-estensjoni lill-benefiċjarji tal-protezzjoni sussidjarja tar-regoli tal-Komunità dwar id-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja,
- l-esplorazzjoni tal-possibiltajiet għall-istabbiliment ta' trasferiment effettiv ta' mekkaniżmu ta' protezzjoni.

L-introduzzjoni ta' element ġdid dwar il-proċeduri:

- id-definizzjoni ta' proċedura waħda permezz ta' l-armonizzazzjoni ta' garanziji komuni relatati (aċċess għal proċeduri, appell ta' sospensjoni, għajnuna legali, skadenza għal deċiżjoni dwar is-sostanza fl-ewwel istanza, ugwaljanza bejn is-sessi aħjar) għat-tipi kollha ta' proċeduri nazzjonali eżistenti

L-interventi ewlenin li ġejjin relatati mal-kwistjonijiet tas-solidarjetà u r-responsabbiltà:

- it-tiħiħ u l-kjarifika ta' diversi dispożizzjonijiet fir-Regolamenti ta' Dublin u tal-Eurodac sabiex titjeb l-effiċjenza u tiġi żgurata konformità aħjar u applikazzjoni uniformi mill-Istati Membri (partikolarment dispożizzjonijiet dwar il-klawsola umanitarja u ta' sovrantià u dawk relatati ma' l-unità tal-familja) u l-possibiltà li tiġi sospiża ("ritorni ffriżati") f'ċerti każijiet l-applikazzjoni tar-regoli ta' Dublin biex l-Istati Membri b'piż żejjed jiġu mserrħa;
- l-implimentazzjoni tal-prinċipju tas-solidarjetà finanzjarja eċċezzjonali li għandu jiġu promulgat biex jappoġġja l-Istati Membri f'każijiet ta' pressjoni partikolari;
- l-istabbiliment ta' sistema ta' risistemazzjoni volontarja għall-appoġġ ta' pajjiżi terzi b'popolazzjonijiet kbar ta' refuġjati,
- l-approssimazzjoni ta' tipi differenti ta' Proċeduri ta' Dħul Protetti nazzjonali.

4.4. Għażla ta' Politika C: Kooperazzjoni u skambju ta' l-aħjar prassi

Din l-għażla għandha tkun iffukata fuq iktar kooperazzjoni Prattika bejn l-Istati Membri: biex l-applikazzjoni ta' l-istrumenti leġiżlattivi eżistenti jsiru iktar uniformi madwar l-Istati Membri (biex jiġu evitati d-disparitajiet u konsegwentement differenzi fil-livell effettiv ta' protezzjoni mogħtija). Din il-kooperazzjoni Prattika għandha tippreżenta wkoll xi benefiċċji għall-appoġġ tad-dimensjoni esterna tal-politika ta' l-UE dwar il-kwistjonijiet ta' l-Ażil. Dan l-għan għandu jintlaħaq permezz ta' l-istabbiliment ta' xi tip ta' appoġġ strutturali u permanenti, possibbli taħt il-forma ta' Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil, li għandu jiġi stabbilit minn Regolament jew Deċiżjoni ta' l-UE u jkun responsabbli minn dawn l-oqsma ta' attività jew ta' xi wħud minnhom: Informazzjoni dwar il-Pajjiż ta' Oriġini; taħriġ u bini tal-kapaċitajiet; Għajnuna Prattika lill-Istati Membri; dimensjoni esterna; evalwazzjoni u sorveljanza.

4.5. Għażla ta' Politika D: Strument legali komprensiv ġenerali dwar l-ażil u l-ħolqien ta' Awtorità Ewropea ta' l-Ażil

- **Intervent leġiżlattiv ġenerali dwar il-leġiżlazzjoni ta' l-UE** dwar l-Ażil immirat biex jikkonsolida l-istrumenti leġiżlattivi differenti eżistenti. Fil-kontenut, il-proposti taħt l-għażla B1 ikunu kważi segwiti kollha, iżda fil-forma din l-għażla twassal għall-adozzjoni ta' strument wieħed li jkun fih il-liġi Ewropea kollha dwar l-ażil (li jieħu post is-sett ta' direttivi u regolamenti kurrenti), b'hekk fl-istess ħin ikun hemm armonizzazzjoni u konsolidazzjoni.
- **Il-ħolqien ta' Awtorità Ewropea ta' l-Ażil** responsabbli mill-ġestjoni u l-koordinazzjoni tal-politika konġunta dwar l-ażil ta' l-UE. Awtorità bħal din għandha tiegħu l-forma wkoll ta' aġenzija iżda ma tikkordinax biss l-attivitajiet ta' kooperazzjoni Prattika elenkati hemm ('Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil'): għandha tiegħu post ukoll l-entitajiet amministrattivi u ġudizzjarji nazzjonali li jadottaw id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għall-ażil. L-Awtorità għalhekk issir il-ġudikant komuni Ewropew li tiċċentralizza d-deċiżjonijiet kollha dwar l-ażil u jkollha setgħat ta' deċiżjoni. Din l-għażla għalhekk tirrappreżenta l-iktar mod estrem biex tkun żgurata l-applikazzjoni komuni tal-liġi dwar l-ażil ta' l-UE madwar l-UE.

5. PARAGUN TA' L-GĦAŻLIET TA' POLITIKA

5.1. Paragun ta' l-iskali, riżultati tal-voti

		Għażla ta' Politika A: Status Quo	Għażla ta' Politika B 1	Għażla ta' Politika B 2	Għażla ta' Politika C	Għażla ta' Politika D	Għażla ta' politika ppreferuta (B2+C)
Rilevanza	Tiżgura li l-proċeduri ta' l-ażil ikunu aċċessibbli lill-persuni li jfittxu l-protezzjoni u jittrattaw b'ħeffa u b'effiċjenza lil dawk li m'għandhomx bżonnha	0	√√√	√√√	√√	√√√√	√√√
	Tiżgura standards komuni ta' protezzjoni oġhla	0	√√√√	√√√	√	√√√√√	√√√
	Ittejjeb is-sostenn immedjat u effettiv lill-amministrazzjonijiet nazzjonali ta' l-ażil, bil-promozzjoni ta' kooperazzjoni Prattika	0	0	0	0	√√√√	√√√√√

	Tkattar il-mekkaniżmi ta' solidarjetà intiżi għall-persuni fil-bżonn tal-protezzjoni, bejn l-Istati Membri u bejn l-UE u l-pajjiżi terzi	0	√√√(√)	√√√	√√	√√√√	√√√
	Tiffaċilità l-integrazzjoni tal-persuni protetti	0	√√√√	√√√	√√	√√√√	√√√
	Tipprevjenti x-xiri ta' l-ażil u è-ċaqliq sekondarju	0	√√√	√√√	√	√√√√	√√√
Possibilità	Possibilità ta' traspożizzjoni						
	- Taht it-Trattat eżistenti	0	0	√√	√√√	0	√√(√)
	- Taht it-Trattat il-ġdid	0	√(√)	√√√(√)	√√√√	√	√√√√
	Possibilità finanzjarja	0	-√√√√	-√√(√)	-√√	-√√√√	-√√(√)
Impatti	Impatti soċjali fil-livell ta' l-UE u ta' l-Istati Membri	0	√√√	√√	√	√√√	√√√
	Impatti ekonomiċi fil-livell ta' l-UE u nazzjonali	0	√√	√√	0(√)	√√	√√
	Impatt fuq il-persuni li għandhom bżonn il-protezzjoni internazzjonali	0	√√√	√√√	√√	√√√√√	√√√
	Impatti fuq pajjiżi terzi	0	√√√	√√	√√	√√√√	√√√
Drittijiet fundamentali		0	√√√√	√√√	√√	√√√√√	√√√

5.2. L-għażla ppreferuta

L-għażla ppreferuta intgħażlet l-iktar f'paragun ma' l-għażliet ta' politika B1 (anke f'għaqda ma' C) u D, li uriet li toffri kważi l-istess livell ta' impatti pożittivi daqs dawn ta' l-aħħar, iżda tinvolvi inqas diffikultajiet ta' traspożizzjoni u spejjeż finanzjarji u ta' implimentazzjoni. L-għażla B1 tippreżenta numru ta' vantaġġi u f'ħafna aspetti hija simili għal B2, iżda din ta' l-aħħar timponi livell kemm kemm iktar baxx ta' armonizzazzjoni f'xi oqsma u għalhekk għandha iktar ċans li tiġi trasposta u implimentata b'suċċess. L-għażla D għandha żvantaġġ ewlieni wieħed: it-trasferiment tas-sovranià mill-Istati Membri għall-Awtorità Ewropea ta' l-Ażil m'għandux possibbiltà, f'dan l-istadju, li jiġi aċċettat mill-maġġoranza ta' l-Istati Membri.

L-iżvantaġġi ewlenin ta' l-għażla ppreferuta huma:

- Din tikseb riżultati rilevanti fit-tkegġiġ ta' **approċċ integrat u komprensiv** għall-kwistjonijiet ta' l-ażil, li tiggarrantixxi dan l-għan permezz ta' standards ta' protezzjoni komuni ogħla u l-appoġġ ta' attivitajiet ta' kooperazzjoni Prattika;
- Hija tiżgura aċċess għall-protezzjoni billi tagħti bidu għal ħidma fuq l-approssimazzjoni ta' Proċeduri ta' Dħul Protetti nazzjonali u billi temenda d-direttiva dwar il-Proċeduri biex issir iktar "sensittiva għall-aċċess".
- Hija tistabbilixxi **standards komuni ogħla fil-qasam ta' l-ażil** permezz ta' miżuri mtejba rigward il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza (jiġifieri aċċess iktar faċli għas-suq tax-xogħol u l-

kura tas-saħħa), il-**proċeduri** (proċedura komuni b'garanziji sodi), il-**kwalifika** (jiġifieri definizzjoni komuni ta' żewġ status ta' protezzjoni internazzjonali);

- Hija tiffavorixxi **appoġġ** minnufih u effettiv **lill-amministrazzjonijiet nazzjonali** billi ttejjeb il-konverġenza fil-proċessi tat-teħid tad-deċizzjonijiet fl-Istati Membri permezz tal-ħolqien ta' **Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil** li għandu jikkoordina u jissorvelja l-attivitajiet differenti;
- Hija trawwem responsabbiltà reali u **solidarjetà bejn l-Istati Membri u bejn l-UE u l-pajjiżi terzi** permezz ta' titjib fis-sistema ta' Dublin u ta' **skema ta' risistemazzjoni volontarja ta' l-UE** u iktar żvilupp fil-programmi tal-**bini tal-kapaċitajiet u fil-programmi ta' Protezzjoni Reġjonali**, f'pajjiżi terzi;
- Hija tippromwovi l-integrazzjoni tal-persuni protetti u speċifikament tal-persuni li jgawdu minn protezzjoni sussidjarja billi jżied il-livell tad-drittijiet marbutin ma' l-istatus tagħhom.

Fir-rigward ta' l-**impatti**:

- Hija toħloq kundizzjonijiet ugwali madwar l-UE, u tippermetti **ġestjoni iktar effiċjenti tal-flussi tar-refuġjati** bejn l-Istati Membri, b'opportunità ikbar li l-persuni protetti jkunu integrati fil-komunitajiet li jilqgħuhom;
- Billi ttejjeb l-aċċess għas-suq tax-xogħol għal dawk li jfittxu l-ażil, hemm il-potenzjal li **tonqos kemm kemm il-provvista tax-xogħol illegali** u li tinstab soluzzjoni għall-ħiliet marġinali li hemm nuqqas tagħhom fi ħdan is-swieq tax-xogħol ta' l-Istati Membri;
- Din tipprovdi iktar protezzjoni lill-persuni li għandhom bżonn il-protezzjoni internazzjonali billi jiġu indirizzati aħjar il-bżonnijiet tal-gruppi l-iktar vulnerabbli, inkluża s-sensitività għad-diffikultajiet partikolari u l-limiti li n-nisa li jfittxu l-ażil jistgħu jħabbtu wiċċhom magħhom meta jippreżentaw it-talbiet tagħhom;
- Hija għandha, b'mod ġenerali, **impatt pożittiv kbir fuq il-pajjiżi terzi** billi parzjalment ittaffilhom il-pressjonijiet li jista' jkollhom fir-rigward ta' l-ażil permezz ta' l-**iskema ta' risistemazzjoni volontarja ta' l-UE** u tippermettilhom li jżidu l-kapaċitajiet ta' ġestjoni ta' l-ażil tagħom permezz ta' **programmi ta' bini tal-kapaċitajiet** korrispondenti;
- Hija ttejjeb id-drittijiet fundamentali ta' dawk li jfittxu l-ażil u tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali billi tipprovdi kundizzjonijiet imsaħħa li permezz tagħhom jistgħu igawdu minn tali drittijiet.

Rigward l-ispejjeż, il-karatteristika li torbot l-inqas ta' l-għażla ta' politika ppreferuta tinvolvi **spejjeż finanzjarji u amministrattivi iktar baxxi meta mqabbla ma' proċess ta' armonizzazzjoni fuq skala sħiħa.**

- Madankollu hemm miżuri bħall-estensjoni tal-kundizzjonijiet ta' akkoljenza lill-applikanti tal-protezzjoni sussidjarja u l-garanziji iktar b'saħħithom relatati mal-proċeduri li inevitabilment **jinvolvu spejjeż finanzjarji u amministrattivi iktar għoljin meta mqabbla mas-CEAS kurrenti** għalkemm l-aċċess iktar faċli **għas-suq tax-xogħol** għal dawk li jfittxu l-ażil jista' jnaqqas l-impatti finanzjarji ġenerali.
- **Miżuri ta' kooperazzjoni Prattika jinvolvu spejjeż addizzjonali** minħabba l-bżonn li jiġu ssostanzjati il-varji miżuri ta' kooperazzjoni bl-appoġġ finanzjarju xieraq (jiġifieri, appoġġ finanzjarju maqsum għal proġetti u taħriġ, il-finanzjament ta' programmi ta' bini tal-kapaċitajiet fil-pajjiżi terzi).
- **Hemm lok ukoll li l-ispejjeż amministrattivi jikbru** minħabba iktar użu ta' persunal neċessarju fil-qasam ta' l-ażil biex jirrispondi għall-miżuri ta' kooperazzjoni previsti. Il-

ħolqien ta' **Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil** madankollu għandu jgħin lill-amministrazzjonijiet nazzjonali biex jimmoderaw iż-żieda fl-ispejjeż amministrattivi fuq perjodu ta' żmien twil.

6. MONITORAĠĠ U VALUTAZZJONI

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni ta' l-għażla ppreferuta se jkunu element importanti biex tiġi żgurata l-effettività tal-Pjan ta' Politika. Il-Kummissjoni se tiżgura li l-mekkaniżmi xierqa biex tissorvelja l-implimentazzjoni ta' dan il-Pjan ta' Politika jkunu fis-seħħ u se jkollha rwol importanti f'dan il-proċess ta' monitoraġġ. Se toqgħod attenta wkoll li l-istandards tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-proposti tagħha ma jiddgħajfux matul il-proċess leġiżlattiv.

Rigward l-indikaturi għall-evalwazzjoni tal-progress u ta' l-effettività ta' l-għażla ppreferuta fil-kisba ta' l-għanijiet ta' politika, fost oħrajn, għandu jittieħed dan in kunsiderazzjoni:

- Numru ta' applikazzjonijiet ġodda għall-ażil
- Numru ta' rifjuti u ta' deċiżjonijiet pożittivi li jagħtu status ta' refuġjat jew protezzjoni sussidjarja
- Numru ta' dawk li jfittxu l-ażil meta mqabbel mal-popolazzjoni residenti u l-DGN
- Numru ta' talbiet u trasferimenti ta' Dublin
- Numru ta' Programmi ta' Protezzjoni Nazzjonali implimentati, u riżorsi dedikati għalihom
- Numru ta' refuġjati risistemati minn pajjiżi terzi
- Livell ta' riżorsi finanzjarji allokat għall-FER
- Livell ta' riżorsi finanzjarji allokat għal attivitajiet ta' kooperazzjoni Prattika, inkluż għall-ħolqien ta' Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil